**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 30 ta' Mejju, 2024

Rikors Ġuramentat: 200/21AL

**A B**

**vs.**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**C D**

**E D**
**u**
**Dr Charmaine Cherrett u l-P.L. Davina Sullivan kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw l-eredi mhux magħrufa ta' I D.**
**B'digriet tat-2 ta' Ġunju 2022 ġie kjamat in kawza l-minuri F D B u b'digriet tal-10 ta' Awwissu 2022 ġew appuntati l-Kuraturi Deputati Dr Cynthia Tomasuolo u l-P.L. Hilda Ellul Mercer sabiex jirrapreżentaw lill-minuri F D B.**
**B'digriet tal-9 ta' Frar 2023 Dr. Cynthia Thomasuolo ġiet sostitwita b'Dr. Christopher Chircop.**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attur fejn ippremetta s-segwenti:

*1. Illi fil-15 ta' Ottubru 1984 twieldet il-konvenut E D hekk kif jirrizulta mill-anness ċertifikat tat-twelid immarkat bħala Dok A.*

*2. Illi omm il-konvenut E D, u cioè C D hija l-mara tal-mejjet I D.*

*3. Illi fl-imsemmi ċertifikat tat-twelid l-mejjet I D huwa mniżżel bħala l-missier naturali tat-tifla minuri imsemmija u dan minħabba l-preżunzjoni li min jitwieled fiż-żwieġ hu preżunt li hu wild il-konjugi.*

*4. Illi, kif ser jirrizulta waqt is-smiegħ u t-trattazzjoni ta' din il-kawża.*

*5. Illi fil-frattemp il-konvenut E D kellu tifel fis-6 ta' Ġunju 2019 li jismu F D B li allura jiġi n-neputi ta' l-attur.*

*6. Illi l-attur jaf b'dawn il-fatti personalment.*

*7. Illi dawn il-proċeduri ġew preceduti minn talba skont artikolu 77C tal-Kap. 16 biex huwa jkun jista' jipproċedi b'din il-kawża liema talba ġiet milqugħa.*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*(i) Tiddikjara illi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi illi l-konvenut I D m'huwiex il-missier naturali tal-konvenut E D u tiddikjara illi l-missier naturali tagħha huwa l-attur.*

*(ii) Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat- twelid tal-konvenut E D billi, f'dik il-parti dedikata għad-dettalji ta' missier it-tarbija, fejn hemm miktub isem u kunjom missier it-tarbija, l-isem "I D" jiġi sostitwit b' "A B"; fejn hemm miktub il- professjoni ta' missier it-tarbija, flok dak imniżżel jitniżżel "impjegat mal- Gvern"; fejn hemm miktub fejn joqgħod flok il-kelma*

[1] Fol. 1.

*"Marsa", jitniżżel "Valletta"; u fejn hemm imniżżel "Isem u kunjom il-missier, u jekk hux ħaj jew mejjet" (missier il-missier tat-tarbija) flok il-kliem "G D (dead) jitniżżel "H B (dead).*

*(iii) Tordna konsegwentement illi l-kunjom tan-neputi ta' l-attur ossia iben E D, liema iben jismu F D B, jibda jissejjaħ F B u li tali tibdla tiġi riflessa wkoll fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' F D B.*

*Bl-ispejjeż u l-konvenuti inġunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta ġuramentata[2] tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fejn eċċepixxa s-segwenti:

*1. Illi preliminarjament, l-esponent jeċċepixxi illi l-attur ma ddikjarax fuq liema artikolu tal-liġi qiegħed isejjes din l-azzjoni. Għaldaqstant, l-esponent huwa tal-umli fehma illi l-attur għandu jagħmel dan, filwaqt li l-istess esponent bil-permess gentili ta' din l-Onorabbli Qorti jirriżerva d-dritt li jissolleva eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ;*

*2. Illi bla ħsara għall-premess, l-esponent jeċċepixxi wkoll illi qabel ma tiġi trattata l-paternità tar-rikorrent A B, għandha tiġi megħluba l-preżunzjoni legali maħluqa ai termini tal-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, billi adegwatament jiġi ppruvat għas-sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti li l-pussess ta' stat tal-konvenut E D, kif definit fl-artikolu 80 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jaqbilx mal-Att tat-Twelid tiegħu stess;*

*3. Illi bla preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-esponent jistqarr li m'huwiex edott mill-fatti li ġew indikati fir-rikors guramentat u għaldaqstant qiegħed jirrimetti ruhu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;*

*4. Illi stante li din hija kawża ta' rikonoxximent ta' paternità, huwa car illi sabiex tirnexxi l-kawża istanti, ir-rikorrent irid jipprova li fiż-żmien bejn it-*

[2] Fol. 14.

*tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid ta' E D, il-konvenuta C D kienet wettqet adulterju mal-attur A B u di piu' jrid jipprova ukoll xi fatt ieħor, anke tramite testijiet genetici, li jeskludi lil I D, li kien ir-raġel tal- konvenuta C D, bħala l-missier naturali tal-imsemmi E D;*

*5. Illi fiċ-ċirkostanzi u tenut kont tas-suespost, l-esponent huwa tal-umli fehma li jkun ta' benefiċċju jekk il-partijiet jissottomettu rwieħhom għal testijiet genetici ai termini tal-artikolu 70A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*6. Illi bla ħsara għas-suespost, f'każ li jintlaqgħu it-talbiet tar-rikorrent, l-esponent jistieden lir-rikorrent A B sabiex jikkonferma illi d-dettalji pprovduti minnu fit-tieni talba tiegħu, senjatament: (1) In-numru tal-karta tal-identita' tiegħu; (2) Ismu u kunjomu; (3) L-eta' tiegħu meta twieled il-minuri; (4) Il-post tat-twelid tiegħu; (5) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieled il-minuri (6) Isem u kunjom missieru; u (7) Jekk missieru kienx għadu ħaj meta twieled il-minuri; huma d-dettalji applikabbli għall-mument tat-twelid ta' E D u dan stante illi tali informazzjoni hija meħtieġa sabiex tiġi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-istess E D bin-numru progressiv 5728 tal-1984;*

*7. Illi f'każ li jiġi determinat li l-intimat E D mhux il-wild naturali tad-defunt I D iżda huwa l-wild naturali tal-attur A B, l-esponent jirrileva illi għandu jiġi deċiż b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi E D;*

*8. Illi subordinatament u f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attrici, ikun xieraq li l-kliem 'wife of the said I D' li jinsabu fil-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikat it-tagħrif dwar l-omm fl-Att tat-Twelid ta' E D innumerat 5728/1984, kopja ta' liema tinsab annessa mar-rikors promotur u mmarkata 'Dok A', jiġu kkanċellati mill-istess Att tat-Twelid. Għaldaqstant l-esponent huwa tal-umli fehma illi għandha tintalab l-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex issir talba speċifika f'dan ir-rigward, u għandhom jiġu indikati isem u kunjom l-omm fil-mument tat-twelid tat-tarbija u kunjom xbubitha għall-finijiet ta' kompletezza;*

*9. Illi fir-rigward tat-tielet talba attrici, fejn qed jintalbu korrezzjonijiet fl-Att tat-Twelid tal-minuri F D B, innumerat 5893/2019, l-esponent huwa tal-umli fehma illi sabiex dan ikun possibbli, din l-Onorabbli Qorti għandha ssejjaħ ukoll lill-minuri F D B fil-proċeduri istanti billi din l-azzjoni potenzjalment ser taffetwa lilu wkoll u għalhekk ikun idoneu illi huwa stess ikun parti minn din il-kawża għal kull interess li jista' jkollu. Illi ġialadarba huwa jiġi msejjaħ fil-kawża, ikun xieraq ukoll illi jinħatru kuraturi għall-istess minuri ai termini tal-artikolu 783 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*10. Illi fir-rigward tat-tielet talba attrici, u partikolarment għall-parti fejn qed tintalab bidla fil-kunjom tal-minuri F D B, l-esponent jeċċepixxi illi tali bidliet jistgħu isiru biss jekk ikun hemm qbil bejn iż-żewġ ġenituri tat-tarbija, u għalhekk huwa meħtieġ il-kunsens tal-missier E D u tal-omm J B rigward il-kunjom li l-minuri F għandu jassumi. L-esponent jirrileva wkoll illi f'każ li din l- Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi, ikun xieraq li d-dettalji tar-rikorrent, bħala n-nannu patern, kif ukoll kwalunkwe tibdil fil-kunjom ta' E D, jiddaħħlu u jiġu jiflessi wkoll wkoll fl-Att tat-Twelid tal-minuri F, u għaldaqstant l-esponent huwa tal-umli fehma illi għandha tintalab l-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex issir talba speċifika f'dan ir-rigward għall-finijiet ta' kompletezza;*

*11. Illi finalment, u mingħajr preġudizzju għas-surreferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas tal-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoggettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

*12. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.*

Rat il-lista ta’ xhieda tad-Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat id-digriet tal-19 ta’ Lulju, 2021[3] li bih ġew appuntati l-Avukat Dr Charmaine Cherrett u l-Prokuratur Legali Davina Sullivan sabiex

[3] Fol. 96.

jirrapreżentaw l-eredi mhux magħrufa tal-konvenut I D u r-risposta ġuramentata[4] tal-istess Kuraturi Deputati li eċċepew is-segwenti:

*Illi l-esponenti ghadhom ma humiex edotti mill-fatti;*

*Illi l-esponenti jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri jekk kemm-il darba l-esponenti jirnexxilhom ikunu edotti mill-fatti.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-Kuraturi Deputati;

Rat li l-konvenuta C D debitament notifikata ma preżentatx risposta ġuramentata u għalhekk hija kontumaċi;

Rat li l-konvenut E D debitament notifikat ma preżentax risposta ġuramentata u għalhekk huwa kontumaċi;

Rat id-digriet tat-2 ta' Ġunju 2022[5] li bih il-Qorti laqgħet it-talba tal-attur sabiex ikun kjamat fil-kawża F D B, iben E D u d-digriet tal-10 ta' Awwissu 2022[6] li bih appuntat lill-Avukat Dr Cynthia Tommasuolo[7] u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrapreżentaw l-istess minuri;

Rat ir-risposta ġuramentata[8] tal-Avukat Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer li biha eċċepew is-segwenti:

1. *Illi huwa r-rikorrenti li ghandu l-piz tal-prova u cjoe illi jrid ikun l-attur li permezz tal-provi mressqa minnu jikkonvinci lil dina Onorobbli Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess attur qieghed jaghmel fil-konfront tal-intimati huma fondati.*

---

[4] Fol. 22.
[5] Fol. 43.
[6] Fol. 39.
[7] Sostitwita bl-Avukat Dr Christopher Chircop b'digriet tal-14 ta' Frar 2023 a. fol. 56.
[8] Fol. 57.

2. *Illi l-esponenti f'dan l-istadju jiddikjaraw li m'ghandhomx konoxxenza tal-fatti ta' dan il-kaz u ghaldaqstant qeghdin jirrizervaw id-dritt li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri jekk huma jsiru konoxxenti ta' fatti relatati ma dan il-kaz.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorreni li hija minn issa ngunta in subizzjoni.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-Kuraturi Deputati;

Rat li fl-udjenza tat-18 ta' Mejju 2023[9] Il-kawża ġiet differita *sine die* u b'digriet tat-22 ta' Mejju 2023[10] il-kawża ġiet riappuntata;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti, il-provi li ġew prodotti u l-atti ta' dan il-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum[11];

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

## 1. L-Azzjoni Odjerna:

Il-Qorti għandha quddiemha talba intavolata mill-atttur, fejn qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara illi l-konvenut E D li twieled mill-konvenuta C D fil-15 ta' Ottubru 1984, imsemmi fuqi ċ-ċertifikat tat-twelid bħala iben il-mejjet konvenut I D (bħala r-raġel ta' C D), huwa fil-fatt l-iben naturali tiegħu u sabiex sussegwentament isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fl-Att tat-Twelid tal-attur stess E D.  Jitlob ukoll illi l-Qorti tordna illi iben E D, F D B, li allura jiġi n-neputi tal-attur, jibda jissejjaħ F B u li tali bidla fil-kunjom tiġi wkoll riflessa fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' F D B.

[9] Fol. 62.
[10] Fol. 65.
[11] Verbal a. fol. 82.

Min-naħa l-oħra, jirriżulta li l-Kuraturi Deputati appuntati sabiex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa ta' I D u l-Kuraturi Deputati appuntati sabiex jirrappreżentaw lill-minuri F D B (wara li dan ġie kjamat in kawża) ma humiex edotti mill-fatti. Minn naħa l-oħra E D u C D għalkemm ġew debitament notifikati bir-rikors ġuramentat ma weġbux u għaldaqstant jinsabu fi stat ta' kontumaċja. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara li l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fejn solleva numru ta' eċċezzjonijiet iżda finalment irrimetta ruħu għall-ġudizzju tal-Qorti.

## Provi

L-attur xehed permezz ta' affidavit[12] ppreżentat permezz ta' Nota tat-2 ta' Ġunju 2023. Huwa jgħid illi huwa kien iltaqa' mal-konvenuta Mary D fis-sena 1982 ġewwa bar fejn ħadu drink u saru ħbieb. Mill-ħbiberija ta' bejniethom nibtet relazzjoni. Dak iż-żmien il-konvenuta kienet għadha miżżewwġa lill-konvenut I D iżda huma kienu ilhom żmien twil separati *de facto.*

Jgħid li ftit wara li bdew ir-relazzjoni ta' bejniethom, il-konvenuta marret tgħix miegħu ġewwa X, Flat X, Triq il-X, Valletta liema relazzjoni damet sas-sena 2001 meta mbagħad ma baqgħux flimkien. Madanakollu fis-snin li kienu flimkien, l-attur jgħid li kien ċert li kienu fidili lejn xulxin. Il-konvenut E D twieled fil-15 ta' Ottubru 1984. Meta ġew biex jirreġistraw lit-tifel, jgħid li "*ma setax jiġi reġistrat b'kunjomu għaliex Mary D ma kellhiex separazzjoni u kienet għadha tidher miżżewġa lil I D.*"[13] Għalhekk it-tifel tniżżel fuq I D għalkemm huwa lanqas jafu.

Ikompli jgħid li riċentement hu u t-tifel marru jagħmlu test tad-DNA li kkonferma li E D huwa t-tifel tiegħu. Jgħid li E D għandu tifel, F D B, liema kunjom ġej minn kunjom ommu u kunjom missieru. F għalhekk jiġi n-neputi tal-attur.

Il-konvenut E D jixhed ukoll fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2023[14] fejn jgħid li meta kien żgħir huwa kien jgħix ma' missieru l-attur A B u ommu Mary D u trabba minnhom. Huwa jaf lil A B bħala missieru u jgħid li lil I D ma jafux u qatt ma kellmu.

---

[12] Fol. 69.
[13] Fol. 69.
[14] Fol. 79.

## 2. Il-Prinċipji Legali u l-applikazzjoni tagħhom għall-każ odjern

Artikolu 67 tal-Kodiċi Ċivili jistipula li meta tarbija titwieled minn mara miżżewga li tkun ikkonċepiet l-istess tarbija matul iż-żwieġ, il-presunzjoni legali hi, salv l-eċċezzjonijiet kontemplati mill-liġi, illi l-wild huwa iben ir-raġel tal-omm li weldet it-tarbija. L-Artikolu 67 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:

*"L-iben imnissel matul iż-żwieġ jitqies li hu bin żewġ ommu".*

Il-liġi nostrana ma tikkonsidrax b'mod leġġer talbiet sabiex isir tibdil fl-att tat-twelid ta' persuni mwielda fiż-żwieg. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Marco Vella vs Pauline Cassar et**[15] intqal hekk fir-rigward tal-artikolu appena ċitat:- *"Illi huwa car li l-hsieb tal-ligi huwa dak li jipprotegi l-istat ta' legittima tal-persuna, ladarba din twieldet fiz-zwieg, u ladarba l-istat tal-istess minuri huwa konformi mal-istess diskrezzjoni wkoll hajja tieghu, hekk mizmum fir-rejalta` socjali bhala iben l-istess konjugi."*

F'dan l-istadju, l-attur, qiegħed jitlob illi l-Qorti tiddikjara li huwa l-missier naturali tal-minuri E D, minnflok I D. In vista tal-fatt illi l-azzjoni odjerna ġiet intavolata mill-allegat missier kontra l-omm, żewġha u l-minuri, tali azzjoni tikkwalifika bħala waħda bbażata fuq l-Artikolu 77A tal-Kap 16[16], li jistipula:

*"Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, kull min jgħid li huwa l-ġenitur naturali ta' wild imwieled fiż-żwieġ, jew il-werrieta tiegħu jekk huwa jkun miet qabel ma jitwieled il-wild, jista' jmexxi b'rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-konjuġi li wiled, il-konjuġi l-ieħor u l-wild, jew il-werrieta rispettivi tagħhom jekk xi ħadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jiġi dikjarat bħala l-ġenitur naturali tal-wild u dan jekk kemm-il darba huwa jirnexxielu jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-wild, il-konjuġi li wiled kien wettaq adulterju miegħu, u barra minn hekk jipprova xi fatt*

---

[15] Deciza fil-25 ta' Mejju 2007.

[16] Kif ukoll dikjarat mill-attur fin-nota tiegħu tal-1 ta' Ġunju 2022 a. fol. 32.

*ieħor, li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lill-konjuġi l-ieħor bħala l-ġenitur naturali tal-wild".*

L-Artikolu 77C tal-Kap 16 imbagħad jipprovdi illi

*"Fil-każijiet imsemmija fl-artikoli 77,* **77 A** *u 77 B il-persuna li tgħid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiż-żwieġ, jew il-mara skont il-każ, jistgħu jipproċedu b'kawża għal dikjarazzjoni ta' paternità jekk huma jressqu r-rikors ġuramentat tagħhom* ***fi żmien sitt xhur mit-twelid tat-tifel:*** *Iżda l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tista', wara li jsir rikors mill-persuna li tgħid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiż- żwieġ jew mill-mara u, jekk ikun possibli wara li tkun semgħet lill-partijiet interessati kollha, u wara li tkun qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tat-tifel,* ***f'kull żmien tawtorizza lill-persuna li tgħid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiż-żwieġ jew lill-mara biex jibdew kawża għal dikjarazzjoni ta' paternità kif imsemmi fl-artikoli 77A u 77 B****:……."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **A [B A] C f' isimha proprju vs Direttur tar-Registru Pubbliku et**[17] il-Qorti spjegat illi *"Ezaminati l-provvedimenti legali rilevanti l-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni illi l-hsieb tal-Legislatur kien li l-istat ta' tifel imwieled fiz-zwieg ma jigix facilment skussat u rovexxjat. Huwa ghal din ir-raguni illi l-Legislatur stipula illi kawzi bhal dik odjerna ma jistghux jigu intavolati jekk qabel ma tintalabx u ma tinghatax l-awtorizzazzjoni tal-Qorti."*

Jirriżulta f'dan il-każ illi meta twieled il-konvenut E D, l-omm C D kienet miżżewġa lill-konvenut I D. Jirriżulta wkoll illi il-konvenut E D twieled fil-15 ta' Ottubru 1984 filwaqt li l-kawża giet intavolata fl-4 ta' Awwissu 2021. Fil-jum tat-twelid l-omm kienet għadha miżżewġa lil I D. Huwa fil-fatt għal din ir-raġuni li I D ġie reġistrat bħala l-missier, *qua* r-raġel tal-omm, u mhux għaliex mar jirreġistra ruħu bħala l-missier tat-tarbija. Tenut kont li għaddew ferm aktar minn sitt xhur mit-twelid tat-tarbija qabel ma l-attur iddeċieda li jistitwixxi kawża ta' filjazzjoni, l-attur kien tenut illi qabel jipproċedi jottjeni l-permess tal-Qorti sabiex jistitwixxi l-kawza odjerna skont Artikolu 77C hawn fuq ċitat. Mill-atti jirriżulta illi din l-awtorizzazzjoni ngħatat fl-14 ta' Lulju, 2021.

L-Artikolu 81 li għalih jagħmel referenza l-Artikolu 77A, jipprovdi illi:

---

[17] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' April, 2015 (Ċit. Nru. 88/2011).

*"(1) Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*

*(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku *et noe***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Mejju 1996 intqal illi: "*Iktar ma jghaddi z-zmien aktar qed taqbad l-gheruq il-fehma li r-realtajiet biologici socjali ghandhom jipprevalu fuq il-prezunzjoni legali li pater est quem iustaw nuptaie demonstrant. Fil-kaz ta' Kroon versus The Netherlands, il-Qorti Ewropea hadet in konsiderazzjoni li n-nozzjoni ta' familja ma kinitx ristretta biss ghar-relazzjonijiet ibbazati fuq iz-zwieg izda tapplika wkoll ghal de facto family ties ohra fejn il-partijiet ikunu qed jghixu flimkien izda mhux fl-ghaqda taz-zwieg. Huwa fid-dover ta' l-istat li jagixxi b'mod li din ir-relazzjoni tkompli tizviluppa fl-interess ta' l-istess minuri. Ghalhekk l-artikolu 81 tal-Kodici Civili m'ghandux johloq ostakolu ghall-akkoljiment tat-talbiet ta' l-attur."*

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għall-Artikolu 80 tal-Kap 16, skont liema:

*"(1) Il-pussess tal-istat ta' iben leġittimu jiġi stabbilit minn ġabra ta' fatti li, meħudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jgħid li hi l-familja tiegħu.*

*(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:*

*(a) illi t-tifel ikun ġieb dejjem il-kunjom tal-missier li tiegħu hu jgħid li huwa l-iben;*

*(b) illi l-missier ikun ittrattah bħala ibnu, u, f'dik il-kwalità, ħaseb għall-manteniment u edukazzjoni tiegħu, u sabiex jikkollokah;*

*(ċ) illi t-tifel ikun ġie dejjem magħruf bħala tali man-nies;*

*(d) illi huwa jkun ġie magħruf bħala tali mill-familja."*

Il-Qorti rat illi l-konvenut E D twieled fil-15 ta' Ottubru 1984 u dana kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid ppreżentat fl-atti[18]. Illi l-konvenut ġie reġistrat bħala iben I D li dak iż-żmien kien għadu legalment miżżewweġ mal-konvenuta C D. Mix-xhieda jirriżulta illi l-konvenuta u l-konvenut I D, kienu ilhom separati *de facto* żmien twil meta C D bdiet toħroġ mal-attur. Il-konvenut E D twieled proprju minn din ir-relazzjoni. Mit-testimonjanza tal-konvenut E D, jirriżulta illi huwa jaf bħala missieru lill-attur u trabba minnu u mill-konvenuta. Huwa jaf lilu biss u lil missier imsemmi fiċ-ċertifikat tat-twelid, I D ma jafux u qatt ma tkellem miegħu.

Il-Qorti rat li ġew ippreżentati testijiet ġenetiċi ta' paternità redatti minn Dr Marisa Cassar[19] u minnha debitament maħlufa. Permezz ta' Affidavit anness hija ddikjarat li: *"...Mit-testjiet li għamilt irriżulta A B ID No X hu l-missier naturali ta' E D ID No X."*[20]

Għalhekk il-Qorti trid hawn tara jekk l-attur irenxxilux jipprova sal-grad rikjest mill-liġi li l-konvenut E D huwa l-wild naturali tiegħu u konsegwentement jipprova li hemm lok li jiġu megħluba l-preżunzjonijiet legali emanenti mill-liġi u li għall-inqas waħda miċ-ċirkostanzii komminati fl-Artikolu 77A tal-Kap 16, ġja ċċitat, ġiet ippruvata. L-aqwa prova, f'kawża bħal din huma t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi, li fil-każ odjern ikkonfermaw illi l-attur huwa l-missier bijoloġiku tal-konvenut E D. It-test xjentifiku, hekk kif ikkonfermat bil-ġurament, jegħleb kull preżunzjoni legali relatata mal-paternità tat-trabi mnissla fiż-żwieġ u jelimina kull dubju dwar l-istess paternita`.

Għaldaqstant, il-provi miġjuba quddiem din il-Qorti juru bl-aktar mod ċar u inekwivoku li l-konvenut E D huwa l-wild naturali tal-attur. Illi għalhekk il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' t-talbiet tal-attur.

Fir-rigward tal-kunjom tal-konvenut E D, il-Qorti rat illi fin-nota tal-1 ta' Ġunju 2022[21] l-attur iddikjara illi E D jixtieq jassumi l-kunjom ta' missieru biex b'hekk kunjomu jkun "B". Ladarba l-paternità ġiet ukoll ppruvata l-Qorti ma għandha ebda oġġezzjoni u għalhekk tordna illi l-konvenut E D għandu jkun magħruf bil-kunjom B u mhux iktar D.

---

[18] A. fol. 5.
[19] Nota tal-25 ta' April 2022 a. fol. 28.
[20] Fol. 29.
[21] Fol. 32.

Fir-rigward ta' iben il-konvenut E D, l-attur, fir-rikors ġuramentat tiegħu, talab illi n-neputi tiegħu jibda jissejjaħ F B. Madanakollu wara l-eċċezzjoni numru għaxra (10) ntavolata mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, l-attur b'nota tal-5 ta' Ottubru 2023[22] jiddikjara illi kull ma qed jitlob fil-konfront ta' F D B huwa li fejn missier F D B huwa indikat bħala "E D", ismu jiġi indikat bħala "E D". Il-Qorti tirreleva li din it-talba temani b'mod naturali mit-talbiet ta' qabel u li ladarba l-Qorti awtorizzat li l-konvenut E D għandu jkun magħruf bil-kunjom B u mhux iktar D allura tilqa' wkoll din it-talba biex isem il-konvenut ikun hekk rifless fl-Att tat-Twelid tat-tifel tiegħu.

## DEĊIDE

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tastjeni milli tiddeċiedi dwar l-ewwel, il-ħames, id-disgħa u l-għaxar eċċezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

2. Tiċħad il-kumplament ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sa fejn dawn ikunu inkompatibbli ma' dak deċiż f'din is-Sentenza;

3. Tilqa' l-ewwel talba, u tiddikjara illi l-konvenut I D ma huwiex il-missier naturali tal-konvenut E D u tiddikjara illi huwa l-attur li huwa l-missier naturali tal-konvenut E D;

4. Tilqa' t-tieni talba, u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-konvenut E D, Att numru ħamest elef seba' mija u tmienja u għoxrin tas-sena elf disa' mija u erbgħa u tmenin (5728/1984), huwa jikkanċella l-kliem "I D" fejn hemm miktub isem u kunjom missier it-tarbija u minflok jitniżżel "A B". Tordna wkoll li jitniżżlu l-isem, il-kunjom u l-konnotati kollha tal-attur detentur tal-karta tal-identita` numru X, li meta twieled il-konvenut ibnu kellu sebgħa u għoxrin (27) sena, imwieled il-Pieta` u residenti l-Belt Valletta meta twieled il-minuri, iben H B, li kien mejjet meta twieled

[22] Fol. 80.

ibnu l-konvenut u l-Qorti tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku;

5. Tilqa' t-tmien eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, u tordna li l-kliem "wife of the said I D" jitħassru mill-Att tat-Twelid tal-konvenut E D, issa B, bin-numru progressiv ħamest elef seba' mija u tmienja u għoxrin tas-sena elf disa' mija u erbgħa u tmenin 5728/1984;

6. Tiċħad it-tielet talba; madanakollu, wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tan-Nota ta' l-attur tal-5 ta' Ottubru 2023, u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 149 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li fl-Att tat-Twelid tal-minuri F D B, kull fejn jirriżulta l-isem "E D", dan għandu jiġi sostwit bl-isem "E B";

Fiċ-ċirkostanzi, kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha salv għall-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li l-attur għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' l-istess konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku.